# ID-DIRETTIVA 2005/65/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-26 ta' Ottubru 2005

## dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Inċidenti li huma riżultat ta' terroriżmu huma fost l-akbar theddida għall-ideali tad-demokrazija u tal-libertà u għall-paċi, liema ideali huma l-qofol ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Persuni, infrastruttura u tagħmir fil-portijiet għandhom ikunu protetti minn inċidenti kontra s-sigurtà u l-effetti devastanti tagħhom. Tali protezzjoni tkun ta' benefiċċju għal min juża t-trasport, għall-ekonomija, u għas-soċjetà kollha kemm hi.

(3) Fil-31 ta' Marzu 2004 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea adottaw ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 dwar it-titjib fis-sigurtà tal-faċilitajiet tal-portijiet u tal-vapuri ([4]). Il-miżuri tas-sigurtà marittima imposti minn dak ir-Regolament huma biss parti mill-miżuri meħtieġa sabiex jinkiseb livell adegwat ta' sigurtà tul il-ktajjen tat-trasport li huma konnessi mal-marittimu. Dan ir-Regolament huwa limitat fil-kamp ta' applikazzjoni għal miżuri ta' sigurtà fuq bastimenti u x-*ship/port interface* immedjat.

(4) Sabiex tinkiseb il-protezzjoni massima possibbli għall-industriji marittimi u tal-port, għandhom jiġu introdotti miżuri ta' sigurtà tal-portijiet, li jkopru kull port fil-konfini definiti mill-Istat Membru kkonċernat, u b'hekk jiġi assigurat li l-miżuri tas-sigurtà meħuda fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 jibbenefikaw minn sigurtà mtejba fl-oqsma ta' attività ta' portijiet. Dawn il-miżuri għandhom japplikaw għal dawk il-portijiet li fihom tinsab waħda jew aktar mill-faċilitajiet tal-port koperti mir-Regolament (KE) Nru 725/2004.

(5) Jeħtieġ li l-objettiv ta' sigurtà ta' din id-Direttiva jintlaħaq billi jiġu adottati miżuri xierqa mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' l-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali u miżuri li jistgħu jittieħdu abbażi tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(6) L-Istati Membri għandhom jimxu fuq valutazzjonijiet tas-sigurtà dettaljati sabiex jidentifikaw id-delimitazzjonijiet eżatti taż-żoni rilevanti għas-sigurtà fil-port, kif ukoll fuq il-miżuri varji li huma meħtieġa sabiex tiġi żgurata sigurtà tal-portijiet xierqa. Jeħtieġ li tali miżuri jkunu differenti skond il-livell tas-sigurtà fil-post u jirriflettu differenzi fil-profil tar-riskju ta' żoni differenti fil-port.

(7) L-Istati Membri għandhom japprovaw pjanijiet ta' sigurtà tal-portijiet li jinkludu s-sejbiet tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà tal-portijiet. L-effettività tal-miżuri tas-sigurtà tirrikjedi wkoll id-diviżjoni ċara tax-xogħol bejn il-partijiet kollha involuti kif ukoll eżerċizzji regolari. Din id-diviżjoni ċara tax-xogħol u l-istabbiliment proċeduri ta' eżerċizzju fil-format tal-pjan tas-sigurtà tal-portijiet huma kkunsidrati li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-effettività tal-miżuri tas-sigurtà tal-portijiet, kemm dawk preventivi kif ukoll dawk ta' rimedju.

(8) Bastimenti *roll-on roll-off* huma partikolarment vulnerabbli għal inċidenti kontra s-sigurtà, b'mod partikolari jekk iġorru passiġġieri kif ukoll merkanzija. Għandhom jittieħdu miżuri adegwati abbażi tal-valutazzjoni tar-riskji li jassiguraw li l-karozzi u l-vetturi tal-merkanzija destinati għat-trasport fuq bastimenti *roll-on roll-off* fuq rotot domestiċi u internazzjonali ma jkunux ta' riskju għall-bastiment, il-passiġġieri jew l-ekwipaġġ, kif ukoll għall-merkanzija. Il-miżuri għandhom jittieħdu b'tali mod li jsir lanqas tfixkil possibbli għall-effiċjenza ta' l-operazzjonijiet.

---

([1]) ĠU C 120, ta' l-20.5.2005, p. 28.

([2]) ĠU C 43, tat-18.2.2005, p. 26.

([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Mejju 2005 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2005.

([4]) ĠU L 129, tad-29.4.2004, p. 6.

(9) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu kumitati għas-sigurtà tal-portijiet fdati bix-xogħol li joffru pariri prattiċi fil-portijiet koperti minn din id-Direttiva.

(10) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-responsabbiltajiet għas-sigurtà tal-portijiet huma rikonoxxuti b'mod ċar mill-partijiet kollha involuti. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw l-aderenza mar-regoli tas-sigurtà u jistabbilixxu b'mod ċar awtorità ta' responsabbiltà għall-portijiet kollha tagħhom, japprovaw kull valutazzjoni u pjan ta' sigurtà għall-portijiet tagħhom, jistabbilixxu u jikkomunikaw kif xieraq il-livelli ta' sigurtà u jiżguraw li l-miżuri huma kkomunikati, implimentati u kkordinati tajjeb.

(11) L-Istati Membri għandhom japprovaw il-valutazzjoni u l-pjanijiet u jissorveljaw l-implimentazzjoni tagħhom fil-portijiet tagħhom. Sabiex id-diżordni fil-portijiet u l-piż amministrattiv fuq l-organi ta' spezzjoni jinżammu għall-inqas li jista' jkun, is-sorveljanza ta' l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni ta' din id-Direttiva għandha titwettaq b'mod konġunt ma' l-ispezzjonijiet stipolati fl-Artikolu 9 (4) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004.

(12) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li punt fokali jieħu r-rwol ta' punt ta' kuntatt bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar liema portijiet huma koperti minn din id-Direttiva abbażi tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà imwettqa.

(13) L-implimentazzjoni effettiva u standard ta' miżuri li jaqaw taħt din il-politika ta' sigurtà tqajjem mistoqsijiet importanti fir-rigward ta' l-iffinanzjar tagħha. L-iffinanzjar ta' miżuri addizzjonali ta' sigurtà m'għandux jikkawża tagħwiġ fil-kompetizzjoni. Sat-30 ta' Ġunju 2006 l-aktar tard, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-riżultati ta' valutazzjoni dwar in-nefqa involuta fil-miżuri meħuda taħt din id-Direttiva, li jindirizzaw b'mod speċjali l-mod kif l-iffinanzjar jinqasam bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-awtoritajiet tal-portijiet u l-operaturi.

(14) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

(15) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]).

(16) Għandha tkun definita proċedura għall-adattazzjoni ta' din id-Direttiva biex jittieħed kont ta' l-iżviluppi fi strumenti internazzjonali u, fid-dawl ta' l-esperjenza, biex tadatta jew tikkumplementa d-dispożizzjonijiet dettaljati ta' l-Annessi ta' din id-Direttiva mingħajr ma jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(17) Billi l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-introduzzjoni u l-applikazzjoni bbilanċjata ta' miżuri xierqa fil-qasam tal-politika tat-trasport marittimu u l-politika tal-portijiet, jistgħu jintlaħqu aħjar fuq livell Komunitarju, minħabba d-dimensjoni Ewropea ta' din id-Direttiva, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(18) Billi din id-Direttiva titratta l-portijiet marittimi, l-obbligazzjonijiet imsemmija hawn ma japplikawx għall-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Lussemburgu jew is-Slovakkja.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Is-Suġġett**

1. L-għan ewlieni ta' din id-Direttiva huwa li jintroduċi miżuri Komunitarji biex tittejjeb is-sigurtà tal-portijiet fil-każ ta' theddid ta' inċidenti kontra s-sigurtà.

Din id-Direttiva għandha tiżgura wkoll li l-miżuri tas-sigurtà meħuda permezz ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 jibbenefikaw minn sigurtà mtejba tal-portijiet.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonsistu fi:

(a) regoli bażiċi komuni dwar miżuri ta' sigurtà tal-portijiet;

(b) mekkaniżmu ta' implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli;

(ċ) mekkaniżmi xierqa ta' sorveljanza tal-konformità.

*Artikolu 2*

**Il-Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri tas-sigurtà li għandhom jiġu osservati fil-portijiet. L-istati Membri jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva f'żoni relatati mal-portijiet.

([1]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

2. Il-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva għandhom japplikaw għal kull port fit-territorju ta' Stat Membru li fih tinsab faċilità tal-portijiet waħda jew aktar koperti minn pjan ta' sigurtà approvat għall-faċilità tal-portijiet skond ir-Regolament (KE) Nru 725/2004. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għall-installazzjonijiet militari fil-portijiet.

3. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu għal kull port id-delimitazzjonijiet tal-port għall-finijiet ta' din id-Direttiva, filwaqt li jieħdu kont ta' l-informazzjoni li tirriżulta mill-valutazzjoni tas-sigurtà tal-portijiet kif inhu xieraq.

4. Fejn il-konfini ta' faċilità tal-port fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 ġew definiti minn Stat Membru bħala li effettivament ikopru l-port, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 għandhom jieħdu preċedenza fuq dawk ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

## Id-Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

1. "port" tfisser kull żona speċifika ta' art u ilma, bil-konfini definiti mill-Istat Membru li fih jinsab il-port, li jkun fih xogħlijiet u tagħmir iddisinnjat biex jiffaċilita l-operazzjonijiet kummerċjali tat-trasport marittimu;

2. "*ship/port interface*" tfisser l-interazzjonijiet li jseħħu meta bastiment huwa direttament u immedjatament effettwat minn azzjonijiet li jinvolvu l-moviment ta' persuni jew ta' merkanzija jew il-provvista ta' servizzi tal-port lill-bastiment jew minnu;

3. "faċilità tal-port" tfisser post fejn iseħħ ix-*ship/port interface*; dan jinkludi żoni bħalma huma ankraġġi, irmiġġi u approċċi min-naħa tal-baħar, kif ikun xieraq;

4. "punt fokali għas-sigurtà tal-portijiet" tfisser il-korp inkarigat minn kull Stat Membru sabiex iservi bħala punt ta' kuntatt għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri oħra u li jiffaċilita, isegwi u jinforma dwar l-applikazzjoni tal-miżuri tas-sigurtà tal-portijiet stabbiliti f'din id-Direttiva;

5. "awtorità tas-sigurtà tal-portijiet" tfisser l-awtorità responsabbli mill-kwistjonijiet ta' sigurtà f'port partikolari.

*Artikolu 4*

## Kordinazzjoni mal-miżuri meħuda fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 725/2004

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri tas-sigurtà tal-portijiet introdotti minn din id-Direttiva huma kordinati fil-qrib mal-miżuri meħuda fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 725/2004.

*Artikolu 5*

## Awtorità għas-sigurtà tal-portijiet

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw awtorità għas-sigurtà tal-portijiet għal kull port kopert minn din id-Direttiva. Awtorità għas-sigurtà tal-portijiet tista' tiġi maħtura għal aktar minn port wieħed.

2. L-awtorità għas-sigurtà tal-portijiet għandha tkun responsabbli mill-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' sigurtà tal-portijiet ibbażati fuq ir-riżultat tal-valutazzjoni tas-sigurtà tal-portijiet.

3. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw "awtorità kompetenti għas-sigurtà marittima" prevista taħt ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 bħala awtorità għas-sigurtà tal-portijiet.

*Artikolu 6*

## Valutazzjoni tas-sigurtà tal-portijiet

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjoni tas-sigurtà tal-portijiet titwettaq għal dawk il-portijiet koperti minn din id-Direttiva. Dawn il-valutazzjonijiet għandhom jieħdu in konsiderazzjoni l-partikolaritajiet tas-setturi differenti ta' port u, fejn jitqies xieraq mill-awtorità relevanti ta' l-Istat Membru, taż-żoni kontigwi tiegħu jekk dawn ikollhom impatt fuq is-sigurtà fil-port u għandhom jikkunsidraw il-valutazzjonijiet ta' faċilitajiet tal-port fil-konfini tagħhom kif imwettqa fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 725/2004.

2. Kull valutazzjoni tas-sigurtà tal-portijiet għandha titwettaq billi jitqiesu mill-inqas il-ħtiġijiet minimi msemmija fl-Anness I.

3. Valutazzjonijiet tas-sigurtà tal-portijiet jistgħu jitwettqu minn organizzazzjoni rikonoxxuta tas-sigurtà skond l-Artikolu 11.

4. Valutazzjonijiet tas-sigurtà tal-portijiet għandhom jiġu approvati mill-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 7*

**Pjan tas-sigurtà tal-portijiet**

1. Skond ir-riżultati tal-valutazzjoni tas-sigurtà tal-portijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet ta' sigurtà tal-portijiet huma żviluppati, miżmuma tajjeb u aġġornati. Il-pjanijiet tas-sigurtà tal-portijiet għandhom jindirizzaw b'mod adegwat il-partikolaritajiet tas-sezzjonijiet differenti tal-port u għandhom jintegraw il-pjanijiet tas-sigurtà għall-faċilitajiet tal-port fil-konfini tagħhom kif stabbilit fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 725/2004.

2. Pjanijiet tas-sigurtà tal-portijiet għandhom jidentifikaw, għal kull wieħed mill-livelli differenti tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 8:

(a) il-proċedura li trid tiġi segwita;

(b) il-miżuri li għandhom jiġu stabbiliti;

(ċ) l-azzjonijiet li jridu jittieħdu.

3. Kull pjan ta' sigurtà tal-portijiet għandu jqis mill-inqas il-ħtiġijiet dettaljati speċifikati fl-Anness II. Meta u safejn ikun xieraq, il-pjan tas-sigurtà tal-portijiet għandu b'mod partikulari jinkludi l-miżuri ta' sigurtà li għandhom jiġu applikati għall-passiġġieri u l-vetturi lesti għall-imbark fuq bastimenti fuq il-baħar li jġorru passiġġieri u vetturi. Fil-każ tas-servizzi internazzjonali għat-trasport marittimu, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkoperaw fil-valutazzjoni tas-sigurtà.

4. Pjanijiet għas-sigurtà tal-portijiet jistgħu jkunu żviluppati minn organizzazzjoni rikonoxxuta għas-sigurtà kif imsemmi fl-Artikolu 11.

5. Pjanijiet għas-sigurtà tal-portijiet għandhom jiġu approvati mill-Istat Membru kkonċernat qabel ma jkunu implementati.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għas-sigurtà tal-portijiet hija sorveljata. Is-sorveljanza għandha tkun ikkordinata ma' attivitajiet oħra ta' kontroll mwettqa fil-port.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li eżerċizzji adegwati jiġu mwettqa, b'kont meħud tal-ħtiġijiet bażiċi ta' l-eżerċizzju ta' taħriġ għas-sigurtà elenkati fl-Anness III.

*Artikolu 8*

**Livelli ta' sigurtà**

1. L-Istati Membri għandhom jintroduċu sistema ta' livelli tas-sigurtà għall-portijiet jew għall-partijiet minn portijiet.

2. Għandu jkun hemm 3 livelli ta' sigurtà, kif definiti mir-Regolament (KE) Nru 725/2004:

— "Livell ta' sigurtà 1" ifisser il-livell li għalih miżuri ta' sigurtà protettivi minimi xierqa għandhom jiġu miżmuma f'kull ħin;

— "Livell ta' sigurtà 2" ifisser il-livell li għalih miżuri ta' sigurtà protettivi addizzjonali xierqa għandhom jiġu miżmuma għal perjodu ta' żmien minħabba riskju elevat ta' inċident kontra s-sigurtà;

— "Livell ta' sigurtà 3" ifisser il-livell li għalih miżuri ta' sigurtà protettivi speċifiċi xierqa għandhom jiġu miżmuma għal perjodu limitat ta' żmien meta inċident kontra s-sigurtà huwa probabbli jew imminenti, minkejja li jista' ma jkunx possibli li tiġi identifikata l-mira speċifika.

3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-livelli ta' sigurtà li għandhom japplikaw għal kull port jew għal kull parti ta' port. F'kull livell ta' sigurtà, Stat Membru jista' jiddetermina li miżuri differenti ta' sigurtà għandhom jiġu implimentati f'partijiet differenti tal-port, skond ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà tal-portijiet.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-persuna jew persuni xierqa l-livell ta' sigurtà fis-seħħ għal kull port jew għal kull parti ta' port kif ukoll kull bidla li sseħħ f'dan ir-rigward.

*Artikolu 9*

**L-uffiċjal tas-sigurtà tal-portijiet**

1. Uffiċjal tas-sigurtà tal-portijiet għandu jkun approvat mill-Istat Membru kkonċernat għal kull port. Kull port għandu, fejn ikun prattiku, ikollu uffiċjal għas-sigurtà tal-portijiet differenti, iżda jista', jekk xieraq, jikkondividi uffiċjal tas-sigurtà.

2. L-uffiċjali tas-sigurtà tal-portijiet għandhom iwettqu l-irwol ta' punt ta' kuntatt għal kwistjonijiet tas-sigurtà tal-portijiet.

3. Fejn uffiċjal tas-sigurtà mhuwiex l-istess bħall-uffiċjal/i tas-sigurta tal-faċilità/ajiet tal-portijiet skond ir-Regolament (KE) Nru 725/2004, għandha tiġi żgurata koperazzjoni mill-qrib bejniethom.

*Artikolu 10*

**Reviżjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjoni tas-sigurtà tal-portijiet u l-pjanijiet għas-sigurtà tal-portijiet ikunu riveduti kif jixraq. Għandhom jiġu riveduti ta' l-inqas darba kull ħames snin.

2. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-reviżjoni għandha tkun dik ta' l-Artikoli 6 jew 7, kif jixraq.

*Artikolu 11*

**Organizzazzjoni rikonoxxuta għas-sigurtà**

L-Istati Membri jistgħu jaħtru organizzazzjonijiet rikonoxxuti għas-sigurtà għall-finijiet speċifikati f'din id-Direttiva. Organizzazzjonijiet rikonoxxuti għas-sigurtà għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness IV.

*Artikolu 12*

**Punt fokali għas-sigurtà tal-port**

L-Istati Membri għandhom jaħtru punt fokali għal aspetti ta' sigurtà tal-portijiet. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw għal aspetti ta' sigurtà tal-portijiet il-punt fokali maħtur skond ir-Regolament (KE) Nru 752/2004. Il-punt fokali għas-sigurtà tal-portijiet għandu jikkomunika lill-Kummissjoni l-lista tal-portijiet ikkonċernati minn din id-Direttiva u għandu jinfor-maha b'kull bidla f'dik il-lista.

*Artikolu 13*

**Kontroll ta' l-implimentazzjoni u tal-konformità**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema li tiżgura superviżjoni adegwata u regolari tal-pjanijiet tas-sigurtà tal-portijiet u l-implimentazzjoni tagħhom.

2. Il-Kummissjoni, b'koperazzjoni mal-punti fokali msemmija fl-Artikolu 12, għandha tissorvelja l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva mill-Istati Membri.

3. Din is-sorveljanza għandha titwettaq b'mod konġunt ma' l-ispezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004.

*Artikolu 14*

**Adattamenti**

L-Annessi I sa IV jistgħu jiġu emendati bi qbil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(2), mingħajr ma jitwessa' il-kamp ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 15*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummisjoni għandha tkun assistita mill-kumitat stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 725/2004.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jittieħed in konsiderazzjoni l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu taż-żmien preskritt fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

*Artikolu 16*

**Il-kunfidenzjalità u t-tixrid ta' l-informazzjoni**

1. Fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom ([1]), għandha tieħu miżuri xierqa sabiex tiġi mħarsa l-informazzjoni skond ir-rekwiżit ta' kunfidenzjalità li għaliha għandha aċċess jew li hija kkomunikata lilha mill-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ekwivalenti bi qbil mal-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti.

2. Kwalunkwe persunal li jagħmel spezzjonijiet ta' sigurtà, jew li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni kunfidenzjali relatata ma' din id-Direttiva, għandu jkollu livell xieraq ta' awtorizzazzjoni fir-rigward tas-sigurtà mill-Istat Membru li tiegħu l-persuna konċernat ikun ċittadin.

*Artikolu 17*

**Penali**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li penali effettivi, proporzjonali u diswassivi jiġu introdotti għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jiġu adottati b'segwitu għal din id-Direttiva.

([1]) ĠU L 317, tat-3.12.2001, p. 1. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2005/94/KE, Euratom (ĠU L 31, tal-4.2.2005, p. 66).

*Artikolu 18*

**Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa 15 Ġunju 2007. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 19*

**Rapport ta' Valutazzjoni**

Mhux iktar tard minn 15 Diċembru 2008 u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ibbażat, fost l-oħrajn, fuq l-informazzjoni miksuba skond l-Artikolu 13. Fir-rapport, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-konformità ma' din id-Direttiva mill-Istati Membri u l-effettività tal-miżuri meħuda. Jekk ikun neċessarju, din għandha tippreżenta proposti għal miżuri addizzjonali.

*Artikolu 20*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 21*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri li għandhom portijiet kif imsemmi fl-Artikolu 2(2).

Magħmula fi Strasburgu, nhar is-26 ta' Ottubru 2005.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | D. ALEXANDER |

*ANNESS I*

## VALUTAZZJONI TAS-SIGURTÀ TAL-PORT

Il-valutazzjoni tas-sigurtà tal-portijiet hija l-bażi għall-pjan tas-sigurtà tal-portijiet u l-implimentazzjoni tiegħu. Il-valutazzjoni tas-sigurtà tal-portijiet se tkopri mill-inqas:

— l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' l-assi u l-infrastruttura importanti, li huwa importanti li jiġu protetti;

— l-identifikazzjoni ta' theddid possibbli għall-assi u l-infrastruttura u l-probabbilità li dawn iseħħu, sabiex jiġu stabbiliti u prijoritizzati l-miżuri ta' sigurtà;

— l-identifikazzjoni, l-għażla u l-prijoritizzazzjoni tal-kontro-miżuri u l-bidliet ta' proċedura u l-livelli ta' effettività tagħhom fit-tnaqqis tal-vulnerabbilità; u

— l-identifikazzjoni tad-dgħufijiet, inklużi l-fatturi umani fl-infrastruttura, il-politika u proċeduri.

Għal dan il-għan, il-valutazzjoni se tkopri mill-inqas:

— l-identifikazzjoni taż-żoni kollha li huma rilevanti għas-sigurtà tal-port, biex b'hekk jiġu definiti wkoll il-konfini tal-port. Dan jinkludi faċilitajiet ta' portijiet li huma diġà koperti mir-Regolament (KE) Nru 725/2004 u li l-valutazzjoni tar-riskju tagħhom ser isservi ta' bażi;

— l-identifikazzjoni ta' oqsma tas-sigurtà li jirriżultaw mill-*interface* bejn faċilità tal-port u miżuri oħra tas-sigurtà tal-port;

— l-identifikazzjoni ta' liema persunal tal-port se jkun suġġett għal kontrolli dwar il-passat u/jew għal awtorizzazzjoni ta' sigurtà minħabba l-involviment tiegħu f'żoni ta' riskju għoli;

— it-taqsim, jekk utli, tal-port skond il-possibbiltà ta' inċidenti kontra s-sigurtà. Iż-żoni mhux ser ikunu ġġudikati biss fuq il-profil dirett tagħhom bħala mira potenzjali, iżda wkoll fuq l-irwol potenzjali tal-mogħdija meta żoni fil-viċinanzi jkunu l-mira;

— l-identifikazzjoni ta' varjazzjoni tar-riskji, eż. dawk ibbażati fuq l-istaġun;

— l-identifikazzjoni tal-karatteristiċi speċifiċi ta' kull sub-żona, bħalma huma l-lokal, l-aċċessi, il-forniment ta' l-elettriku, is-sistema tal-komunikazzjoni, il-proprjetà u l-utenti kif ukoll elementi oħra li huma kkunsidrati bħala rilevanti għas-sigurtà;

— l-identifikazzjoni ta' xenarji potenzjali ta' theddid għall-port. Il-port kollu jew partijiet speċifiċi ta' l-infrastruttura, tal-merkanzija, tal-bagalji, tan-nies jew tat-tagħmir tat-trasport tiegħu fi ħdan il-port jistgħu jkunu l-mira diretta ta' theddida identifikata;

— l-identifikazzjoni tal-konsegwenzi speċifiċi ta' xenarju ta' theddid. Il-konsegwenzi jistgħu jolqtu sub-żona waħda jew aktar. Kemm il-konsegwenzi diretti kif ukoll dawk indiretti se jiġu identifikati. Attenzjoni speċjali se tingħata lir-riskju ta' diżgrazzji umani;

— l-identifikazzjoni tal-possibiltà ta' gruppi ta' effetti ta' inċidenti kontra s-sigurtà;

— l-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltà ta' kull sub-żona;

— l-identifikazzjoni ta' l-aspetti organizzattivi li huma rilevanti għas-sigurtà kumplessiva tal-port, inkluż it-taqsim ta' l-awtoritajiet li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà, ir-regoli u l-proċeduri eżistenti;

— l-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltà tas-sigurtà globali tal-portijiet li għandha x'jaqsam ma' l-aspetti leġislattivi u ta' proċedura;

— l-identifikazzjoni ta' miżuri, proċeduri u azzjonijiet li huma mmirati lejn it-tnaqqis ta' vulnerabbiltà kritika. Attenzjoni speċifika se tingħata lill-bżonn għal, u l-mezzi ta' kontroll ta' l-aċċess jew restrizzjonijiet għall-port kollu kemm hu jew għal partijiet speċifiċi tal-port, inklużi l-identifikazzjoni tal-passiġġieri, l-impjegati tal-port jew ħaddiema oħra, viżitaturi u ekwipaġġi tal-bastimenti, ħtiġijiet ta' sorveljanza taż-żona jew ta' l-attività, il-kontroll tal-merkanzija u tal-bagalji. Miżuri, proċeduri u azzjonijiet se jikkorrispondu mar-riskju perċepit, li jista' jvarja bejn żona u oħra tal-port;

— l-identifikazzjoni ta' kif miżuri, proċeduri u azzjonijiet se jiġu rinforzati fl-eventwalità ta' żieda fil-livell ta' sigurtà;

— l-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet speċifiċi sabiex jiġu trattati problemi stabbiliti ta' sigurtà, bħalma huma merkanzija, bagalji, tankijiet, proviżjonijiet jew persuni "suspettużi", pakketti mhux magħrufa, perikli magħrufa (eż. bomba). Dawn il-ħtiġijiet se janalizzaw il-kundizzjonijiet ta' jekk huwiex meħtieġ li r-riskju jitneħħa fil-post fejn ikun jew wara li jiġi mċaqlaq għal żona sigura;

— l-identifikazzjoni ta' miżuri, proċeduri u azzjonijiet immirati lejn il-limitazzjoni u t-tnaqqis tal-konsegwenzi;

— l-identifikazzjoni tat-taqsim tax-xogħlijiet li jippermettu li sseħħ l-implimentazzjoni xierqa u korretta tal-miżuri, proċeduri u azzjonijiet li ġew identifikati;

— l-għotja ta' attenzjoni speċifika, fejn xieraq, lir-relazzjoni ma' pjanijiet oħra tas-sigurtà (eż. pjanijiet tas-sigurtà tal-faċilitajiet tal-port) u miżuri tas-sigurtà diġà eżistenti. Attenzjoni se tingħata wkoll lir-relazzjoni ma' pjanijiet oħra ta' rispons (eż. pjan ta' rispons għat-tixrid taż-żejt, pjan ta' kontinġenza tal-port, pjan ta' intervenzjoni medika, pjan għal diżastru nukleari, eċċ.);

— l-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ta' komunikazzjoni għall-implimentazzjoni tal-miżuri u tal-proċeduri;

— l-għotja ta' attenzjoni speċifika għall-miżuri sabiex informazzjoni sensittiva dwar is-sigurtà tiġi protetta mill-iżvelar;

— l-identifikazzjoni tal-ħtieġa li persuna tkun taf għal dawk kollha li huma direttament involuti, kif ukoll, fejn hu xieraq, il-pubbliku ġenerali.

*ANNESS II*

**PJAN TAS-SIGURTÀ TAL-PORTIJIET**

Il-pjan tas-sigurtà tal-portijiet jistipola l-arranġamenti tas-sigurtà tal-portijiet. Ser ikun ibbażat fuq is-sejbiet fil-valutazzjoni tas-sigurtà tal-portijiet. Ser jistipola miżuri dettaljati b'mod ċar. Ser ikollu mekkaniżmu ta' kontroll li jippermetti, fejn hu meħtieġ, li jittieħdu l-miżuri korrettivi xierqa.

Il-pjan tas-sigurtà tal-portijiet ser ikun ibbażat fuq l-aspetti ġenerali li ġejjin:

— jiddefinixxi ż-żoni kollha li huma rilevanti għas-sigurtà tal-portijiet. Skond il-valutazzjoni tas-sigurtà tal-port, miżuri, proċeduri u azzjonijiet jistgħu jvarjaw minn sub-żona għall-oħra. Fil-fatt, xi sub-żoni jistgħu jirrekjedu miżuri preventivi ikbar minn oħrajn. Attenzjoni speċjali għandha tingħata lill-*interfaces* bejn sub-żona u oħra, kif identifikati fil-valutazzjoni tas-sigurtà tal-portijiet;

— jiżgura l-kordinazzjoni bejn miżuri tas-sigurtà għal żoni b'karatteristiċi tas-sigurtà differenti;

— jipprovdi, fejn hu meħtieġ, għal miżuri varjabbli kemm fir-rigward ta' partijiet differenti tal-port, livelli ta' sigurtà li jinbidlu, u għarfien speċifiku;

— jidentifika struttura ta' organizzazzjoni li tappoġġja t-titjib tas-sigurtà tal-portijiet.

Abbażi ta' dawn l-aspetti ġenerali, il-pjan tas-sigurtà tal-portijiet se jattribwixxi xogħlijiet u jispeċifika pjanijiet ta' xogħol f'dawn l-oqsma:

— ħtiġijiet ta' aċċess. Għal ċerti żoni, il-ħtiġijiet jidħlu fis-seħħ biss meta livelli tas-sigurtà jeċċedu l-limiti minimi. Il-ħtiġijiet u l-limiti kollha se jiġu inklużi fil-pjan tas-sigurtà tal-port;

— ħtiġijiet relatati mal-kontroll ta' ID, bagalji u merkanzija. Ħtiġijiet jistgħu japplikaw għal sub-żoni jew le; ħtiġijiet jistgħu japplikaw bis-sħiħ għal sub-żoni differenti jew le. Persuni deħlin, jew li qegħdin f'sub-żona jistgħu jiġu kkontrollati. Il-pjan tas-sigurtà tal-portijiet ser jirrispondi b'mod xieraq għas-sejbiet tal-valutazzjoni tas-sigurtà tal-portijiet, li huwa l-għodda li permezz tagħha l-ħtiġijiet tas-sigurtà ta' kull sub-żona u fuq kull livell tas-sigurtà jistgħu jiġu identifikati. Meta karti ta' l-identità apposta huma żviluppati għal finijiet tas-sigurtà tal-portijiet, proċeduri ċari se jiġu stabbiliti għall-ħruġ, il-kontroll ta' l-użu u r-ritorn ta' tali dokumenti. Tali proċeduri se jieħdu in konsiderazzjoni l-partikolaritajiet ta' ċerti gruppi ta' persuni li jużaw il-port sabiex miżuri xierqa jkunu jistgħu jiġu implimentati sabiex l-impatt negattiv ta' ħtiġijiet ta' kontroll ta' l-aċċess ikun limitat. Kategoriji se jinkludu mill-inqas il-baħħara, l-uffiċjali ta' l-awtorità, persuni li ta' sikwit jaħdmu fil-port jew iżuru l-port, residenti li jgħixu fil-port u persuni li xi kultant jaħdmu fil-port jew iżuru l-port;

— il-komunikazzjoni ma' l-awtoritajiet tal-kontroll tal-merkanzija, tal-bagalji u tal-passiġġieri. Fejn hu meħtieġ, il-pjan huwa li jkun hemm provvediment sabiex sistemi ta' informazzjoni u ta' *clearance* ta' dawn l-awtoritajiet jiġu konnessi, inklużi s-sistemi ta' *clearance* ta' qabel il-wasla;

— proċeduri u miżuri ta' kif għandhom jiġu trattati merkanzija, bagalji, tankijiet, proviżjonijiet jew persuni li jqajmu suspett, inklużi l-identifikazzjoni ta' żona sigura; kif ukoll għal kwistjonijiet oħra tas-sigurtà u ta' ksur tas-sigurtà tal-port;

— ħtiġijiet ta' sorveljanza għal sub-żoni jew attivitajiet f'sub-żoni. Kemm il-ħtieġa għal soluzzjonijiet tekniċi u s-soluzzjonijiet tekniċi nfushom se joħorġu mill-valutazzjoni tas-sigurtà tal-port;

— sinjali. Żoni li għandhom ħtiġijiet ta' aċċess u/jew ta' kontroll, ser ikunu indikati sewwa permezz ta' sinjali. Il-ħtiġijiet ta' kontroll u aċċess se jiġu fformulati b'konsiderazzjoni xierqa tal-liġijiet u l-prattika eżistenti. Is-sorveljanza ta' l-attivitajiet se tkun indikata sewwa jekk dan huwa meħtieġ mil-leġislazzjoni nazzjonali;

— *clearance* ta' komunikazzjoni u sigurtà. Kull informazzjoni rilevanti għas-sigurtà se tiġi komunikata sewwa skond l-istandards ta' *clearance* ta' sigurtà inklużi fil-pjan. Minħabba s-sensittività ta' xi ftit mill-informazzjoni, il-komunikazzjoni ser tkun ibbażata fuq "il-bżonn li persuna tkun taf", iżda se tinkludi fejn huwa meħtieġ, il-proċeduri għal komunikazzjonijiet indirizzati lill-pubbliku ġenerali. Standards ta' *clearance* ta' sigurtà se jagħmlu parti mill-pjan u huma mmirati lejn il-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva fir-rigward tas-sigurtà minn żvelar mhux awtorizzat;

— rappurtar ta' inċidenti ta' sigurtà. Bl-iskop li tiġi żgurata rispons veloċi, il-pjan tas-sigurtà tal-portijiet se jistipula ħtiġijiet ċari ta' rappurtar ta' kull inċident kontra s-sigurtà lill-uffiċjal tas-sigurtà tal-portijiet u/jew lill-awtorità kompetenti għas-sigurtà tal-port;

— integrazzjoni ma' pjanijiet jew attivitajiet oħra ta' prevenzjoni. Il-pjan se jittratta speċifikament l-integrazzjoni ma' attivitajiet ta' prevenzjoni u kontroll fis-seħħ fil-port;

— l-integrazzjoni ma' pjanijiet oħra ta' rispons u/jew inklużjoni ta' miżuri, proċeduri u azzjonijiet speċifiċi ta' rispons. Il-pjan se jagħti kont b'mod dettaljat ta' l-interazzjoni u l-kordinazzjoni ma' pjanijiet oħra ta' rispons u ta' emerġenza. Fejn hu meħtieġ, kunflitti u nuqqasijiet għandhom jiġu solvuti;

— ħtiġijiet ta' taħriġ u eżerċizzju;

— l-organizzazzjoni ta' l-operat għas-sigurtà tal-portijiet u proċeduri ta' xogħol. Il-pjan tas-sigurtà tal-portijiet se jittratta speċifikament l-organizzazzjoni tas-sigurtà tal-port, it-taqsim tax-xogħlijiet u l-proċeduri ta' xogħol. Se jittratta wkoll il-kordinazzjoni ma' l-uffiċjali tal-faċilità tal-port u tas-sigurtà tal-bastimenti, fejn hu xieraq. Se jiddetermina r-responsabbiltajiet tal-kumitat tas-sigurtà tal-port, jekk dan jeżisti;

— proċeduri għall-adattament u l-aġġornament ta' pjan tas-sigurtà tal-portijiet.

*L-ANNESS III*

## ĦTIĠIJIET BAŻIĊI TA' L-EŻERĊIZZJU TA' TAĦRIĠ GĦAS-SIGURTÀ

Tipi varji ta' eżerċizzji ta' taħriġ li jistgħu jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' uffiċjali tas-sigurtà tal-faċilitajiet tal-portijiet, flimkien ma' l-awtoritajiet rilevanti ta' l-Istati Membri, uffiċjali tas-sigurtà ta' kumpanniji, jew uffiċjali tas-sigurtà tal-bastimenti, jekk dawn huma disponibbli, ser isiru għall-inqas darba kull sena b'mhux iktar minn 18-il xahar bejn l-eżerċizzji. Talbiet għall-parteċipazzjoni minn uffiċjali tas-sigurtà ta' kumpanniji jew uffiċjali tas-sigurtà tal-bastimenti f'eżerċizzji konġunti ta' taħriġ ser isiru tenut kont ta' l-implikazzjonijiet għas-sigurtà u x-xogħol fuq il-bastiment. Dawn l-eżerċizzji ta' taħriġ se jittestjaw il-komunikazzjoni, il-kordinazzjoni, id-disponibiltà tar-riżorsi u r-rispons. Dawn l-eżerċizzji ta' taħriġ jistgħu jkunu:

(1) ta' skala normali jew *live*;

(2) simulazzjoni madwar mejda jew seminar; jew

(3) konġunti ma' eżerċizzji oħra bħalma huma rispons ta' l-emerġenza jew eżerċizzji oħra ta' l-awtorijiet ta' l-Istat tal-portijiet.

*L-ANNESS IV*

**KONDIZZJONIJIET LI GĦANDHOM JIĠU SODISFATTI MINN ORGANIZZAZZJONI RIKONOXXUTA GĦAS-SIGURTÀ**

Organizzazzjoni rikonoxxuta għas-sigurtà trid tkun kapaċi turi:

(1) għarfien tajjeb ta' l-aspetti rilevanti tas-sigurtà tal-portijiet;

(2) għarfien xieraq ta' l-operat tal-portijiet, inkluż l-għarfien tad-disinn u l-kostruzzjoni tal-portijiet;

(3) għarfien xieraq ta' l-operazzjonijiet tas-sigurtà rilevanti oħra li jaffetwaw potenzjalment is-sigurtà tal-portijiet;

(4) il-kapaċità li tiżen ir-riskji probabbli għas-sigurtà tal-portijiet;

(5) il-kapaċità li żżomm u ttejjeb l-għarfien tajjeb tas-sigurtà tal-portijiet tal-persunal tagħha;

(6) il-kapaċità li tissorvelja l-affidabilità kontinwa tal-persunal tagħha;

(7) il-kapaċità li żżom fis-seħħ miżuri xierqa sabiex l-iżvelar mhux awtorizzat, u l-aċċess għal, materjal li huwa sensittiv għas-sigurtà jiġi evitat;

(8) għarfien tal-leġislazzjoni nazzjonali u internazzjonali u ħtiġijiet tas-sigurtà rilevanti.

(9) għarfien ta' theddid kurrenti għas-sigurtà u t-tendenzi;

(10) l-abiltà li tirrikonoxxi u ssib armi, sustanzi u mezzi perikolużi;

(11) l-abiltà li tirrikonoxxi, fuq bażi mhux diskriminatorja, il-karatteristiċi u l-mudelli ta' mġieba ta' persuni li x'aktarx jistgħu jheddu s-sigurtà tal-portijiet;

(12) għarfien tat-tekniċi li jistgħu jintużaw sabiex jiġu evitati l-miżuri tas-sigurtà;

(13) għarfien tat-tagħmir u sistemi tas-sigurtà u s-sorveljanza u l-limitazzjonijiet operazzjonali tagħhom.

Organizzazzjoni rikonoxxuta tas-sigurtà li tkun għamlet valutazzjoni tas-sigurtà tal-portijiet jew irrivediet tali valutazzjoni għal port mhijiex permessa tistabbilixxi jew tirrevedi l-pjan tas-sigurtà għall-istess port.